# Pensjonijiet oħrajn tal- i

FL-AĦĦAR ġimgħat tajt ħarsa lejn il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi u l-fatturi ewlenin tagħha li jiddeterminaw mhux biss id-dritt għal din il-pensjoni imma wkoll x'rata ta' pensjoni attwalment tiħallas.

Iżda tajjeb li wieħed ikun jaf li l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi mhijiex l-unika pensjoni kontributorja li teżisti għal min jirtira. Illum fil-fatt se nittratta erba' pensjonijiet oħrajn li jistgħu jitħallsu lil persuna li tirtira. Importanti huwa l-fatt li persuna tista' titħallas pensjoni waħda biss meta tirtira, li naturalment tkun l-ogħla waħda minn dawk li jista' jkollha dritt għalihom.

**Erba' pensjonijiet tal-irtirar**

Huwa interessanti l-fatt li minbarra il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi jeżistu erba' pensjonijiet oħrajn għal min jirtira. Dawn huma il-Pensjoni Għal Min Jirtira, il-Pensjoni Minima Nazzjonali, il-Pensjoni Miżjuda Għal Min Jirtira, u il-Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda.

L-ewwel tnejn, kif se nispjega, irreferejt indirettament għalihom meta tkellimt dwar il-Pensjoni taż-Żewġ Terzi, waqt li t-tnejn l-oħra wieħed jista' jgħid li, għalkemm fit-teorija għadhom jeżistu, fil-prattika spiċċaw għax ir-rata ta' pensjoni li wieħed jista' jirċievi taħt xi waħda minnhom tkun dejjem inqas minn dak li jista' jirċievi bħala Pensjoni taż-Żewġ Terzi.

Infakkar f'dak li kont ktibt xi ġimgħat ilu li dawn il-pensjonijiet jitħallsu wara li jsir test tal-kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati u dejjem jekk tkun sodisfatta kundizzjoni statutorja importanti – dik li jkunu tħallsu mill-inqas 156 kontribuzzjoni (tliet snin) mill-persuna konċernata.

Dan iżda ma jfissirx li jekk persuna tkun ħallset tliet snin kontribuzzjonijiet se tikkwalifika żgur għall-pensjoni. Fil-fatt, biex persuna tikkwalifika għal xi waħda minn dawn il-pensjonijiet irid ikollha medja ta' mill-inqas 20 kontribuzzjoni mħallsa jew akkreditata fis-sena mill-età ta' 19-il sena (jew 18 jekk il-persuna tkun twieldet wara t-3 ta' April, 1958) sas-sena ta' qabel tirtira.

Jiġifieri, biex nagħtu eżempju sempliċi, jekk raġel se jagħlaq 61 sena din is-sena, il-perjodu li fih jingħaddu l-kontribuzzjonijiet validi għal xi waħda minn dawn il-pensjonijiet ikun bejn l-1968 u l-2009 (42 sena). Mela f'dan il-perjodu irid ikollu mill-inqas 840 kontribuzzjoni (ftit aktar minn 16-il sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati) biex jikkwalifika għal xi waħda minn dawn il-pensjonijiet.

Fil-każ ta' mara li se tagħlaq 60 sena din is-sena, il-perjodu li fih jingħaddu l-kontribuzzjonijiet validi għal xi waħda minn dawn il-pensjonijiet ikun bejn l-1969 u l-2009 (41 sena). F'dan il-perjodu irid ikollha mill-inqas 820 kontribuzzjoni (ftit inqas minn 16-il sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati) biex tikkwalifika.

Intenni li xi waħda minn dawn il-pensjonijiet titħallas biss jekk kemm-il darba l-persuna konċernata jew m'għandhiex dritt għal Pensjoni taż-Żewġ Terzi jew din tal-aħħar ikollha rata baxxa u għalhekk il-persuna ikun jaqblilha li titħallas xi waħda mill-pensjonijiet (li issa se nittratta waħda waħda) minflok dik taż-Żewġ Terzi.

**Il-Pensjoni Għal Min Jirtira**

Jekk tiftakru ħmistax ilu kont ktibt dwar il-pensjoni tas-servizz u kont għedt li teoretikament, kwalunkwe ammont ta' pensjoni tas-servizz irid jitnaqqas mill-ammont ta' pensjoni taż-Żewġ terzi dovut anke jekk fil-prattika ma jiġrix eżattament hekk. Semmejt ukoll li fil-prinċipju bejn il-pensjoni tas-sigurtà soċjali u l-pensjoni tas-servizz (mhux ikkomutata) persuna ma tistax teċċedi ż-Żewġ Terzi tad-dħul pensjonabbli tagħha.

Fil-fatt il-Pensjoni Għal Min Jirtira titħallas lil min bejn il-pensjoni tas-sigurtà soċjali u l-pensjoni tas-servizz jeċċedi ż-żewġ terzi. Din allura mhi xejn għajr minimu ta' pensjoni garantit lil min jirċievi pensjoni tas-servizz u li l-ammont tagħha (kif stabbilit bid-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali li ttrattajt ħmistax ilu) magħdud mal-pensjoni tas-sigurtà soċjali jeċċedi ż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu.

Kif kont għedt ħmistax ilu, fil-każ ta' persuna li l-medja ta' kontribuzzjonijiet tagħha tkun ta' 50 fis-sena jew aktar, il-Pensjoni tal-Irtirar hija ta' €97.07 fil-ġimgħa jekk il-persuna hija miżżewġa u €79.95 fil-ġimgħa fil-każ ta' persuna waħedha jew li l-konjugu tagħha huwa pensjonant ukoll. Dawn l-ammonti jvarjaw skont il-medja ta' kontribuzzjoniet imħallsin u/jew akkreditati sal-minimu ta' medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena għax kif diġà spjegajt, minn ikollu inqas minn medja ta' 20 kontribuzzjonijiet ma jikkwalifikax għal din il-pensjoni.

**Il-Pensjoni Minima Nazzjonali**

Jekk tiftakru, meta kont ktibt dwar kif jinħadem id-Dħul Pensjonabbli għal fini tal-kalkolu tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi, kont spjegajt li l-Pensjoni taż-Żewġ Terzi mħallsa qatt ma tista' tkun inqas mill-Pensjoni Minima Nazzjonali.

Fil-fatt il-Pensjoni Minima Nazzjonali titħallas lil persuni li m'għandhomx pensjoni tas-servizz u li jew m'għandhomx dritt għal Pensjoni taż-Żewġ Terzi jew din tal-aħħar ikollha rata baxxa. Allura anke f'dan il-każ, din il-pensjoni mhi xejn għajr minimu ta' pensjoni garantit.

Fil-każ ta' persuna li l-medja ta' kontribuzzjonijiet tagħha tkun ta' 50 fis-sena jew aktar, il-Pensjoni Minima Nazzjonali hija ta' €126.86 fil-ġimgħa jekk il-persuna hija miżżewġa u €109.37 fil-ġimgħa fil-każ ta' persuna waħedha jew li l-konjugi tagħha huwa pensjonant ukoll. Anke f'dan il-każ, dawn l-ammonti ivarjaw skont il-medja ta' kontribuzzjoniet imħallsin u/jew akkreditati sal-minimu ta' medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena għax kif diġà spjegajt, minn ikollu inqas minn medja ta' 20 kontribuzzjoni fis-sena ma jikkwalifikax għal din il-pensjoni.

**Il-Pensjoni Miżjuda Għal Min Jirtira**

Kif għedt fl-introduzzjoni tiegħi, il-Pensjoni Miżjuda Għal Min Jirtira, għalkemm fit-teorija u legalment għadha teżisti, fil-prattika din spiċċat għax ir-rata ta' pensjoni li wieħed jista' jirċievi taħt id-dispożizzjonijiet tagħha tkun dejjem inqas minn dak li jista' jirċievi bil-Pensjoni taż-Żewġ Terzi.

Dan seħħ wara, li kif anke kont spjegajt fl-ewwel ħarġiet ta' din ir-rubrika meta kont qed nagħti sfond storiku għall-iżviluppi fis-sigurtà soċjali, bejn l-1996 u l-1998 (ara l-artiklu tiegħi fil-ħarga ta' **l-orizzont** tas-16 ta' Marzu, 2010), il-pensjoni taż-żewġ terzi kienet estiża ukoll gradwalment għal pensjonanti tal-irtirar li rtiraw qabel l-1979.

Fl-istess waqt din l-estensjoni ddaħħlet fis-seħħ għal romol li żwieġhom kienu mietu qabel l-1979 iżda dwar dan nikteb aktar 'il quddiem meta nitratta l-pensjoni tar-romol.

Mela effettivament li ġara huwa dan – qabel l-1996, persuna li kellha pensjoni tas-servizz u li din, magħduda mal-Pensjoni tal-Irtirar, l-ammont tat-tnejn jiġi inqas minn żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli



*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika m'hijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

# irtirar

iżda aktar mir-rata tal-Pensjoni Għal Min Jirtira, kien ikollhom dritt għal Pensjoni Miżjuda Għal Min Jirtira sa livell stabbilit kull sena bil-liġi. Iżda bejn l-1996 u l-1998, dan il-livell tneħħa biex b'hekk, kull min għandu pensjoni tas-servizz u pensjoni tas-sigurtà soċjali llum jirċievi (bejn it-tnejn) mill-inqas l-ekwivalenti ta' żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu, anke jekk dan ikun irtira qabel l-1979.

**Il-Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda**

Prattikament, l-istess sitwazzjoni rriżultat fil-każ tal-Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda. Qabel l-1996, kienet titħallas rata stabbilita bil-liġi u li hi ogħla mir-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali, lil min iż-żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu kienu jeċċedu l-Pensjoni Minima Nazzjonali.

B'hekk il-Pensjoni Minima Nazzjonali Miżjuda kienet tiggarantixxi pensjoni ftit ogħla lil min kellu dħul pensjonabbli relettivament ogħla anke jekk sa livell stabbilit kull sena bil-liġi.

Iżda, anke hawn bejn l-1996 u l-1998, dan il-livell tneħħa biex b'hekk illum, anke persuna li tkun irtirat qabel l-1979, għandha dritt li tirċievi pensjoni taż-żewġ terzi.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

**■ Issa ngħaddi għal mistoqsija li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Anna Curmi minn Tas-Sliema, permezz ta' imejl, staqsiet: "Meta persuna tkun qed titħallas xi benefiċċju mal-paga, din tgħodd bħala parti mid-dħul pensjonabbli meta tiġi għall-pensjoni?" Nirringrazzja lis-Sinjura Curmi għall-mistoqsija tagħha.**

Din hija mistoqsija importanti ħafna għax tajjeb li wieħed ikun jaf kif inhi mqassma il-paga jew salarju tiegħu u x'jgħodd minn dawn il-ħlasijiet għall-pensjoni.

Kif anke kont spjegajt ftit tal-ġimgħat ilu meta ttrattajt id-Dħul Pensjonabbli, li huwa dak id-dħul li fuqu ikun iddeterminat l-ammont ta' pensjoni li persuna titħallas, kont spjegajt li l-mod kif dan jigi kkalkolat ivarja kemm skont jekk il-persuna hijiex impjegata jew taħdem għal rasha u wkoll skont meta twieldet il-persuna. Madankollu, irrispettivament minn numru ta' snin li fuqu huwa bbażat id-dħul pensjonabbli (ara l-artiklu tiegħi fil-ħarga ta' **l-orizzont** ta' 1 ta' Gunju, 2010), fil-każ ta' persuna impjegata dan huwa bbażat dejjem fuq il-paga fil-ġimgħa bażika jew salarju baziku.

Issa l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jiddefenixxi "paga fil-ġimgħa bażika" u "salarju bażiku" bħala "l-paga jew salarju totali li jitħallsu lil persuna impjegata minn jew għan-nom tal-prinċipal tagħha b'esklużjoni ta' kull rimunerazzjoni għal overtajm, xi forma ta' bonus, xi benefiċċju żejjed, xi rimunerazzjoni li mhijiex flus u kummissjonijiet".

Fi kliem sempliċi, il-paga fil-ġimgħa bażika jew salarju bażiku ma jinkludux ħlasijiet bħal sahra, benefiċċji, bonusijiet, remunerazzjonijiet, kummissjonijiet u pagamenti oħrajn li l-prinċipal jista' jagħti lill-impjegati tiegħu u li ma jifformawx parti mill-paga bażika jew salarju bażiku. Effettivament, il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali ma titħallasx fuq dawn il-ħlasijiet addizzjonali iżda biss fuq il-paga fil-ġimgħa bażika jew fuq is-salarju bażiku.

Għalhekk, għall-fini ta' kull pensjoni tas-sigurtà soċjali, filkalkolu tad-dħul pensjonabbli, jigu kkonsidrati biss il-paga filġimgħa bażika jew is-salarju bażiku li fuqhom titħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u jiġu esklużi ħlasijiet addizzjonali bħal sahra, benefiċċji, bonusijiet, remunerazzjonijiet u pagamenti oħrajn li mhumiex parti mill-paga fil-ġimgħa bażika jew salarju bażiku.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,
A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*